16 ta' Settembru, 1914.

Imħallef :

L-Onor. Prof. Dr. E. Ganado, LL.D.

Giorgio Mifsud *versus* Salvatore Sultana et.

**Preskrizzjoni — Gurament — Art. 1924 ta' l-Ordinanza VII ta' l-1868.**

*L-art. 1924 ta' l-Ord. VII ta' l-1868 jistabbilixxi forma speċjali għall-ġurament li għandu jieħu min jopponi l-preskrizzjoni.*

*Il-preskrizzjoni tista' tiġi eċċepita anki meta d-debitu huwa kontes-*

*tat: għax ma hemmx inkonċiljabilità bejn l-eċċezzjoni ta' l-ineżistenza tad-dejn u l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni.*

Il-Qorti — Rat it-talba ta' l-attur quddiem il-Qorti Ċivili tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja ta' Malta għal kundanna solidali tal-konvenuti biex iħallsu £7 bilanċ prezz ta' ħobż; bl-ispejjeż;

Rat is-sentenza mogħtija mill-Qorti fuq imsemmija fit-23 ta' Awissu 1944, fejn irriġettat l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni bħala inkompatibili mas-sistema tad-difiża assunt mill-konvenuti u laqgħet it-talba ta' l-attur bl-ispejjeż kontra l-konvenuti; wara li kkunsidrat;

Illi ma hemmx dubju li ż-żmien utili għall-preskrizzjoni għadda, għax l-attur jgħid li l-kont ilu magħluq xi ħames snin u nofs; illi però l-konvenut, għalkemm ġie *mwissi*, kompla xehed ir-raġuni l-għala ma kellux jagħti, u b'dik id-difiża l-konvenut irrenda insostenibili l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, għax meta huwa jgħid li kien ta għas-saldu *mogħża* b'żewġ gidien, qiegħed jeċċepixxi pagament li għandu jipprova, u dik il-prova ma għamilhiex għax ma rriżultax il-pagament;

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenuti u *ċ-ċitazzjoni* tagħhom fejn talbu illi dik is-sentenza tiġi revokata u milqugħa l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni u respinta t-talba; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attur;

*Omissis:*

Tikkunsidra;

Illi *kif ġie deċiż* minn din il-Qorti f'Appell Superjuri fil-5 ta' Frar 1932, in re "Wismayer vs. Naudi" (Kollez. Vol. XVIII. p. 240), għandha tiġi adottata dik il-ġurisprudenza li *rriteniet* li l-art. 1924 ta' l-Ord. VII ta' l-1868, li huwa dissimili mill-art. 2142 tal-Kodiċi Ċivili Taljan u mill-art 2275 tal-Kodiċi Franċiż, stabbilixxa formola speċjali tal-ġurament li *għandu jittieħed minn għand min jopponi* l-preskrizzjoni. "È da prescegliere", irriteniet din il-Qorti f'dik is-sentenza, "la giurisprudenza contraria che, considerando aver l'articolo 1924 *(fuq imsemmi)*, *dissimile da quella* (tal-kodiċijiet l-oħra fuq imsemmija) stabilito una formola tutta propria del giuramento da deferirsi a coloro che oppongono le prescrizioni

brevi, per cui essi non possono validamente dare una tale eccezione se con giuramento non dichiarino di non essere debitori o di non ricordarsi che la cosa sia stata pagata"; u għalhekk il-preskrizzjoni tista' tiġi mogħtija anki meta d-debitu jkun kontestat. Fl-istess sens huma s-sentenzi Appell 20 ta' April 1910, Kollez. Vol. XXI-I-200; "Caruana Mamo vs. Mifsud Speranza" 16 ta' Mejju 1925; u "Fenech vs. Bugeja" 10 ta' April 1926, XXVI-I-Sez. 3, paġ. 255 u 300;

Din il-Qorti fil-kawża "Borg vs. Saliba", 23 ta' Mejju 1932 (Kollez. Vol. XXVIII, paġ. 297), irriteniet ukoll illi "la più recente giurisprudenza patria in materia (appello 1mo. giugno 1931 "Zahra vs. Zerafa" e le decisioni stampate ivi citate) ha stabilito non esserci nella nostra legge incompatibilità tra l'eccezione di inesistenza del debito e l'eccezione di prescrizione, ciò che si desume dalla formola del giuramento volutamente diversa da quella di altri codici";

Tikkunsidra;

Illi lanqas jista' jingħad minn dak li jirriżulta mix-xhieda tal-konvenut li huwa rrinunzja għall-preskrizzjoni illi diġà kienet magħluqa; għaliex mill-atteġġjament tiegħu jidher ċar illi huwa qiegħed jinnega d-debitu, u dak huwa biżżejjed skond il-liġi tagħna għall-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni;

Tikkunsidra;

Illi, kif anki rriteniet l-Ewwel Qorti, ma hemmx dubju illi ż-żmien tal-preskrizzjoni għalaq, u l-konvenuti ħalfu li ma għandhomx jagħtu;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tilqa 'l-appell tal-konvenuti u għalhekk tilqa' l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni u tirrespinġi t-talba ta' l-attur, u in vista taċ-ċirkustanzi tal-każ tordna illi l-ispejjeż ta' l-ewwel istanza ma jkunux taxxati bejn il-partijiet, iżda d-dritt tar-reġistru relativ jitħallas mill-attur appellat; l-ispejjeż ta' dina l-istanza jitħallsu mill-attur appellat; u għalhekk tirriforma s-sentenza li minnha hemm appell.